TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Mary Rose Buttigieg

vs

Kurt u Raymond Micallef ezercenti l-kummerc bhala Triple A

CCT 1159/17

24 ta' Ottubru 2018

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fit-13 ta' Settembru 2017 fejn talbet ir-rifuzjoni ta' 1,397, prezz ta' *appliances* mixtrija mill-azjenda intimata, liema *appliances* zvillupaw difetti ftit xhur wara illi nxtraw, meta kienu ghadhom taht garanzija.

Ra r-risposta tal-azjenda intimata pprezentata fit-28 ta' Settembru 2017 fejn cahdet it-talbiet tar-rikorrenti bhala infondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra l-atti kollha tal-process.

Sema' x-xhieda bil-gurament tar-rikorrenti.

Ra illi ghalkemm l-azjenda intimata kienet notifikata ghas-seduta tal-26 ta' Frar 2018 ma deher hadd u l l-kawza giet differita ghal 14 ta' Mejju 2018 ghall-provi kollha taghha u ghal kontro-ezami tar-rikorrenti jekk ikun il-kaz.

Ra illi fl-14 ta' Mejju 2018 ghal darb'ohra hadd ma deher ghas-socjeta' intimata u ghalhekk il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta' ostakolu.

Ikkunsidra

Irrizulta mill-provi illi fl-14 ta' Novembru 2016, ir-rikorrenti xtrat tlett *appliances* - fridge, forn u hob - minghand l-azjenda intimata ghal prezz totali ta' €1397. Ir-rikorrenti tghid illi ghal habta ta' Jannar 2017 bdiet tinnota illi beda johrog is-sadid fil-kantunieri tal-hob. Wara li ilment, gie *technician* u illostra il-hob bit-turtlewax u s-sadid mar, pero' wara gimghatejn rega' tfacca. Rigward il-forn qalet illi jekk din itella' t-temperatura aktar mimm

mitejn grad, id-dish jinbaram apparti problemi bis-sadid. Ilmentat ukoll minn hoss baxx tat-timer. Rigward il-freezer, dina qalet illi beda jitqatta' l-lastiku bejn il-bieba u l-fridge. Ilmentat illi l-kexxun tal-fridge ma jzommx f'postu b'tali mod illi jekk tiftah il-bieba dan jaqa'. Minkejja illi ppruvat tiehu sodisfazzjon minghand l-azjenda intimata, din tal-ahhar baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha tirrikorri ghal dan it-Tribunal.

Ikkunsidra

Illi ghalkemm l-azjenda intimata dahlet risposta u giet notifikata bis-seduti, dina qatt ma dehret quddiem dan it-Tribunal, l-anqas meta s-seduti kienu ffisatti ghax-xhieda taghha. Illi ghalhekk it-Tribunal m'ghandux il-konfort tal-versjoni tal-azjenda intimata u r-risposta taghha mhijiex bizzejjed biex tirribatti l-allegazjonijiet tar-rikorrenti, aktar u aktar meta din ir-risposta mhijiex guramentata.

Ghalhekk it-Tribunal irrid joqghod fuq il-versjoni moghtija mir-rikorrenti u r-ritratti esebiti minnha stess. Dawn ir-ritratti juru flap miksur lastiku tal-fridge illi f'xi parti inqala' minn postu u zewg ritratti ohra - wiehed tal-forn u wiehed tal-hob illi mhumiex cari x/ezattament qed x'qed tippretendi jew minn xhiex qed tilmenta r-rikorrenti.

Illi bir-rispett it-Tribunal ma jidhirlux illi ghal dawn id-difetti ir-rikorrenti haqqha *full refund* tal-*appliances* li xtrat minghand l-azjenda intimata, meta wara kollox mhijiex qed tilmenta li l-appliances ma jahdmux, izda biss illi ghandhom xi diffetti illi xi parti minnhom l-azjenda intimata kienet disposta illi ssewwi kif xehdet ir-rikorrenti stess. Ghalhekk it-Tribunal sejjer jilqa' biss parti mit-talba rikorrenti biex b'hekk issir gustizzja, anke mal-azjenda intimata, minkejja li din injorat is-sejha ta' dan it-Tribunal.

Ghal dawn il-motivi jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' in parti it-talba tar-rikorrenti u jikundanna l-azjenda intimata li thallasha s-somma ta' tlett mija u hamsin Euro (€350.00). Bl-ispejjes kontra l-istess azjenda intimata.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru